MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Numru. 125/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Walid Belgasem**
**(Numru tal-Pulizija 06TT-012)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Walid Belgasem** talli fl-10 ta' Ottubru 2006 u fil-granet ta' wara jew ta' qabel, harab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew

minn xi sptar fejn ikun qieghed ghall-kura jew osservazzjoni jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe`, ikkommetta harba mill-post ta’ detenzjoni gewwa Hal-Safi waqt li kien taht detenzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-Prosekuzzjoni dwar l-istess eccezzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat taht l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jgorr mieghu piena minn  sentejn sa erba’ snin habs.  Illi l-allegat reat gie mwettaq fl-10 ta’ Ottubru 2006 u kwindi sal-gurnata li gie mressaq quddiem din il-Qorti lahqu iddekorrew iktar minn tmien snin.

Illi l-Qorti tosserva illi ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali   l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni  bl-egħluq ta’ ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ anqas minn erba’snin u mhux anqas minn sena.

Illi l-Prosekuzzjoni sahqet illi l-kaz mhux preskritt stante li huma ma kinux jafu fejn kien jinsab l-akkuzat.

Madankollu, l-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jistipula illi ż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi **biss** meta l-ħati ma jkunx magħruf. Illi huwa wisq ovvju li l-awtur tar-reat, f'dan il-kaz l-imputat, kien maghruf. Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-azzjoni odjerna hija preskritta bid-dekors taz-zmien.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 152 u 688 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdha tiddikjara l-azzjoni mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' **Walid Belgasem** bhala preskritta bid-dekors ta' hames snin u kwindi qieghdha tillibera lill-akkuzat minn kull piena u imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------